OMBUDSMAN

MALTA

# Rapport fuq Każ Numru OMB-24-4628

Dan huwa rapport dwar l-ilment li l-... *[omissis]* u ... *[omissis]* (il-*complainants*) kontra l-Ministeru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali dwar ħlas dovut lilhom bħala remunuerazzjoni għall-parteċipazzjoni tagħhom bħala membri tal-*Control Committee*.

## *L-ilment*

1. Il-*complainants* ilmentaw li huma ma kinux inagħtaw ħlas b'lura ta' ammont rappreżentanti onorarja għall-parteċipazzjoni tagħhom bħala Membri fuq il-*Control Committee* mwaqqaf bl-Att dwar Proprjetà ta' Entitajiet Ekklesjastiċi[1] li hija l-liġi li tirregola t-trasferiment tal-proprjetà tal-Knisja għal għand il-Gvern.

2. Il-... *[omissis]* u ... *[omissis]* nħatru membri tal-*Control Committee* f'Jannar 2002. Dak iż-żmien l-onorarja jew remurazzjoni tagħhom kienet tammonta għal €1,750 jiġifieri Lm750 fi flus ta' dak iż-żmien. F'Jannar 2023 huma ntebħu li din l-onorarja kienet żdiedet skont manwal appositu – *Manual for Setting the Categorisation, Classification and Remuneration of Government-Appointed Boards and Committees*. Il-kundizzjonijiet inkluż ir-remunerazzjoni tal-bordijiet u kumitati bdiet tapplika mill-1 ta' Jannar 2017.[2]

[1] Kapitolu 358, Liġijiet ta' Malta.

[2] Paragrafu 3.0; *Manual for Setting the Categorisation, Classification and Remuneration of Government-Appointed Boards and Committees* (Il-Manwal).

3. Għaldaqstant, il-*complainants* talbu li huma jibdew jitħallsu bir-rata l-ġdida u jieħdu l-arretrati għal minn mindu beda jopera l-Manwal, jiġifieri minn Jannar 2017. Ir-remunerazzjoni tagħhom ġiet aġġustata imma mit-3 ta' Mejju 2022 u mhux mill-1 ta' Jannar 2017 meta daħal fis-seħħ il-Manwal. Il-*complainants* ma aċċettawx din id-deċiżjoni u wara diversi tentattivi mal-Ministeru, irrikorrew għand l-Ombudsman.

***Fatti tal-każ***

4. Il-... *[omissis]* u ... *[omissis]* ġew appuntati membri tal-*Control Committee* f'Jannar 2002. Huma ma kinux l-ewwel membri fuq dan il-kumitat peress li dan kien ġie mwaffaq bis-saħħa tal-Att dwar Proprjetà ta' Entitajiet Ekklesjastiċi wara li kien gie iffirmat ftehim bejn is-Santa Sede u l-Gvern ta' Malta fit-28 ta' Novembru 1991.

5. L-onorarja dak iż-żmien kienet tammonta għal Lm750 fis-sena. Kien biss wara l-Elezzjonijiet Ġenerali tal-2022 li l-*complainants* intebħu li kienet saret reviżjoni fir-regolamenti amministrattivi ta' bordijiet u kumitati. Kien proprju fit-13 ta' Jannar 2023 li huma rċivew Ċirkolari MEFL/01/2023 li avvżahom b'dan u li kienet ħarġet mis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru għall-Ekonomija, Fondi Ewropej u Artijiet jiġifieri l-Ministeru li taħtu jaqa' l-*Control Commission*, illum il-Ministeru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali.

6. Ir-raġuni tal-Manwal kienet ċara mill-ispjegazzjoni li ta s-Segretarju Permanenti u li:

"*In one of the recent NAO audits on a particular entity, it transpired that the Chairman and Directors had awarded themselves certain allowances and benefits which were not provided for in the respective Manual* …".

Għalhekk il-Manwal daħħal sistema iktar preċiża u kontrollata kif għandna tingħata r-remunerazzjoni lill-membri ta' dawn l-istrutturi u mhux bord u kumitat jiffissa waħdu kemm il-membri għandhom jieħdu.

7. Meta l-*complainants* ressqu t-talba tagħhom skont dak li jistipula l-Manwal din ġiet milqugħa imma mhux mid-data operattiva tal-Manwal li huwa Jannar 2017 imma mit-3 ta' Mejju 2022. Il-*complainants* ma qablux ma' din id-deċiżjoni għaliex ħassew li huma kienu intitolati għall-ħlas minn Jannar 2017 għax kienu membri tal-kumitat ta' dak iż-żmien u għaliex il-*Control Committee* kien wieħed permanenti u mhux wieħed li jiġi xolt ma' kull leġislatura ġdida. Fi kliem ieħor ma kienx jagħmel sens li tintuża d-data arbitrarja ta' Mejju 2022 għaliex huma kienu saru membri ta' dan il-kumitat fl-2002. Il-parteċipazzjoni tagħhom kienet waħda *ex lege* u ma tneħħewx wara kull Elezzjoni Ġenerali.

8. Fis-16 ta' April 2024, dan l-Uffiċċju rrefera l-ilment tagħhom lis-Segretarju Permanenti tal-Ministeru u lill-Kap tal-Uffiċċju Konġunt. Fir-risposta tiegħu tal-24 ta' Mejju 2024, is-Segretarju Permanenti għamel aċċenn għal klawsola partikolari tal-Manwal, paragrafu 2.4 li jistipula li r-remunerazzjoni għandha tiġi riveduta meta t-terminu tal-bord jispiċċa. Dan għandu jsir skont il-kriterji stabbiliti mill-Manwal. Hu jargumenta li la darba l-*Control Committee* ma kellux terminu fiss, allura ma setgħet issir l-ebda reviżjoni.

9. Il-*Control Committee* huwa kemm xejn differenti minn bordijiet oħrajn ammistrattivi. Hu jopera f'termini ta' liġi speċjali u għaldaqstant is-Segretarju Permanenti jagħti x'jifhem li kien korrett li l-*complainants* tħallsu b'lura mill-2022. Kien hemm raġuni oħra li jiġġustifika dan li kienet li l-Ministeru wettaq l-eżerċizzju ta' reviżjoni tal-bordijiet u l-kumitati li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tiegħu wara l-Elezzjoni Ġenerali tal-2022.

***Kunsiderazzjonijiet***

10. Il-*complainants* ġew appuntati bħala membri tal-*Control Committee* fl-2002 f'isem il-Gvern ta' Malta skont l-Artikolu 17 tal-Ftehim bejn is-Santa Sede u l-Gvern ta' Malta tat-28 ta' Novembru 1991 u li jifforma parti mill-Att dwar Proprjetà ta' Entitajiet Ekklesjastiċi. Il-Ftehim fl-imsemmi artikolu jgħid:

> "*(1) A Control Committee is set up with the function promoting and monitoring the correct and timely application of the provisions of the present Agreement with particular reference to what is laid in article 7 and to the work assigned to the Joint Office mentioned in article 16.*
>
> *(2) The Control Committee shall be composed of two members nominated by the Holy See and two members nominated by the Government of Malta; it shall meet at the least every two months; it shall be chaired, alternately, by a representative of the Holy See and by a representative of the Government of Malta, who shall chair the first meeting.*"

OMBUDSMAN

MALTA

11. Il-*Control Committee* għandu inkarigu importanti fi ħdan il-*Joint Office*. Dan id-dipartiment governattiv jamministra u jirreġistra dik il-proprjetà kollha li kienet tal-Knisja u l-*Control Committee* jiddeċiedi fuq materji li għandhom x'jaqsmu ma' din il-proprjetà speċjalment f'każijiet ta' nuqqas ta' qbil fuq, per eżempju, min hu sid proprju tal-art jew proprjetà oħra. Għalhekk, il-*Control Committee* għandu responsabbiltà partikolari li tassigura li l-għan ta' din il-leġislazzjoni jintlaħaq u li jiġu riżolti diffikultajiet fuq il-proprjetà amministrata.

12. Is-sistema amministrattiva moderna tagħmel użu wiesa' minn bordijiet, kumitati u organizzazzjonijiet oħra li l-għan tagħhom huwa li jħaffu l-proċeduri amministrattivi u jissorveljaw kif entità qegħda tiġi amministrata. Madanakollu, il-prassi hi li l-membri tagħhom jirriżenjaw meta jispiċċalhom it-terminu jew meta jkun leġislatura ġdida jew gvern ġdid wara elezzjoni ġenerali.

13. Id-direzzjoni aħħarija taqa' f'idejn is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru skont l-Artikolu 35 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika[3]. Biex il-provvedimenti ta' dan l-artikolu jiġu applikati, l-Amministrazzjoni ħarġet Manwal biex jirregola l-qafas ta' dawn il-bordijiet u kumitati fosthom ir-remunerazzjoni tagħhom.

14. Hemm ukoll ċar u tond li l-Manwal fil-paragrafu 3.0 jistipola:

> "*This framework is intended to enter into force as from 1st January 2017. Line Ministries are to start utilising this manual, procedures contained within and categorisation, classification and remuneration levels accordingly.*"

[3] Kap 595, Liġijiet ta' Malta.

Office of the Ombudsman | 11, St Paul Street, Valletta VLT 1210, Malta
Phone: +356 2248 3210 | Fax: +356 2124 7924 | Email: office@ombudsman.org.mt www.ombudsman.org.mt

15. Allavolja l-manwal huwa ċar hawnhekk, l-ebda reviżjoni ma ġriet lejn il-*complainants* għaliex li kieku ma ndunawx, ir-remunerazzjoni tagħhom ma kinitx tiġi aġġustata u anke meta ġiet riveduta, ma ngħatawx l-arretrati mill-1 ta' Jannar 2017 imma mill-2022.

***Rakkomandazzjoni***

16. Wara li kkunsidrajt bir-reqqa dan il-każ, jiena tal-opinjoni li dan l-ilment huwa ġustifikat. Ma stajtx insib raġuni oġġettiva li tinnega l-ħlas b'lura tar-remunerazzjoni tal-*complainants*. La darba l-Ministeru ġie notifikat mill-*complainants* li kellu jkun hemm reviżjoni u din ġiet aċċettat, loġikament din kellha titħallas mid-data li l-Manwal stess jistipula.

17. Għal din ir-raġuni, il-Ministeru għandu jħallas ir-remunerazzjoni lil dawn il-membri tal-*Control Committee* mill-1 ta' Jannar 2017 kif inhu ġust u ekwu li jsir.

Imħallef Emeritus Joseph Zammit McKeon
Ombudsman

14 ta' Ġunju 2024